MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
GABRIELLA VELLA**

Seduta tas-17 ta' Mejju, 2011

Numru 621/2011

**Il-Pulizija
(Spettur Edel Mary Camilleri)**

**Vs**

**Daouda Kone**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta’ Daouda Kone ta’ wiehed u ghoxrin (21) sena iben Daouda, imwieled Mali fl-1 ta’ Jannar 1990 u residenti Centru Miftuh tal-Marsa, bin-numru tal-Pulizija 08DD-008, talli:

1. Fil-15 ta’ Mejju 2011 u x-xhur ta' qabel f’Malta, ta jew gieghel li jinghata prospett falz jew dikjarazzjoni falza, jew taghrif ta’ fatti foloz lill-Ufficjal Principali tal-Immigrazzjoni, u dan bi ksur tal-Artikolu 32 (1c) tal-Kap. 217 tal-Ligijiet ta' Malta; u
2. Talli taht l-istess cirkostanzi, kellu fil-pussess tieghu passaport mahrug lil persuna ohra, kif ukoll

ircieva passaport mahrug lil haddiehor u dan bi ksur ta' l-Artikolu 3 tal-Kap. 61 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat id-dokumenti esebiti mill-Ufficjal Prosekutur u rat l-atti kollha ta' dan il-kaz;

Semghet lill-imputat jammetti ghall-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u dana minkejja l-fatt li din il-Qorti, a tenur ta' l-Artikolu 453(1) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, avzat bl-iktar mod solenni lill-imputat bil-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u ikkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga' jikkonsidra t-twegiba tieghu u jerga' lura minnha;

Wara li semghet l-ammissjoni ta' htija ta' l-imputat ghall-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu, il-Qorti ma ghandhiex alternattiva ohra ghajr li issib lill-imputat hati ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu;

Semghet is-sottomissjonijiet tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiza dwar il-piena u ghall-finijiet ta' piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni li l-imputat irregistra ammissjoni bikrija kif ukoll ic-cirkostanzi difficli li ghaddej minnhom l-istess imputat;

Wara li rat u kkunsidrat l-Artikolu 32 (1) (c) tal-Kap. 217 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 3 tal-Kap.61 tal-Ligijiet ta' Malta ssib lill-imputat hati ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu. Ghall-finijiet ta' piena t-tieni imputazzjonijiet tigi assorbita fl-ewwel imputazzjoni u ghalhekk tikkundannah ghall-perjodu ta' seba' (7) xhur prigunerija b'effett millum.

Il-Qorti tordna li ai termini ta' l-Artikolu 392A tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta l-atti kollha ta' dawn il-proceduri u kopja ta' din is-sentenza jintbaghtu lill-Avukat Generali fiz-zmien moghti mill-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------